# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Frar 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 848/2019 JVC**

**Blessing Paul (Detentrici bil-Karta ta' l-Identita' bin-Numru: 9000948 A)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta u Ghawdex ), l-Avukat Generali, l-Ministeru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali, l-Kummissarju ghar-Refugjati fi hdan l-Ministeru ghall-Intern u**

**Sigurta` Nazzjonali, w il-Bord ta' l-Appell ghar-Refugjati**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Blessing Paul ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Illi l-Esponenta Blessing Paul (Detentrici bil-Karta ta' l-Identita` bin-Numru: 9000948 A) twieldet fir-rahal ta' Ugara fiz-Zona tal-Gvern Lokali ta' Oredo fl-Istat tad-Delta tan-Nigerja;

Illi l-Esponenta hija bint il-mejjet Osaro Pawl u l-mejta Osazee Victoria;

Illi l-Esponenta kienet waslet f'Malta fis-7 ta' Awissu 2013, w applikat ghal l-istatus ta' refugjat u mill-Pulizija Maltija ta' l-Immigrazzjoni kienet inghatat in-numru 13S-010 w in-numru 16163/13 mir-Refcom;

Illi eventwalment, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet inghatat lis-Status ta' Refugjata fit-30 ta' Novembru 2015;

Illi f'dawk iz-zminijiet, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet qed tghix ma' ragel maghruf bhala Collins Odibo;

Illi minn dik ir-relazzjoni taghhom kellhom bint li kienu semmewgha Tracey;

Illi binthom, Tracey twieled fl-1 ta' Lulju 2010 fl-Istat ta' Edo;

Illi f'Awwissu tat-2012, binthom Tracey kienet giet maqtula permezz tal-blast ta' bomba fil-Villagg ta' Kubwa gewwa il-Belt ta' Abuja fin-Nigerja;

Illi skond l-Applikazzjoni li kienet saret u li ggib in-Numru: 16163 9 (in-numru tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni kien: 13S-010), l-Ufficjal inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta biex jghamel l-intervista kemm ma l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kif ukoll ma Collins Odibo, probabilment u minhabba fost affarijiet ohra l-Ingliz mhux car taghhom kif ukoll minhabba t-trawma psikologika li huma kienu ghadew minnha, ossia kemm minnhabba l-qtil ta' binthom Tracey kif ukoll minhabba t-trauma li ghaddew minnha biex ghamlu l-vjagg sfurzat minn Nigerja ghall-Malta, l-Ufficjal inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta probabilment kien fehemhom hazin meta kienu wigbuh dwar l-istatus atwali ta' bejniethom, ossia l-istatus atwali ta' bejn l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul u Collins Odibo;

Illi l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Collins Odibo kienu qalu lill-Ufficjal inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta li huma kienu jghixu ***de facto*** flimkien biss, ossia ***"Koabitazzjoni De facto (De facto cohabiting together);"***

Illi fuq kollox u kif normalment dejjem jigri, l-intervista mal-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta kienet saret gimgha biss wara li l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Collins Odibo kienu waslu bid-Dghajsa hawn Malta;

Illi kif ga gie su riferit, minhabba lis-stat dipressiv li huma kienu waslu bieh hawn Malta, u peress li kemm l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kif ukoll Collins Odibo ma kienux waslu sal-punt li jkunu kompletament mentalment stabbli, huma ma setghux jikkomunikaw sew ma dak l-Ufficjal hekk inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta biex jghamel dik l-intervista;

Illi fil-fatt, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Collins Odibo kienu aktar tard sabu li l-ufficjal hekk inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta biz-zvista pogga/indika li l-istatus ta' l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kien dak ta' ***"mizzewga"*** minflokk dik ta' ***"Koabitazzjoni De facto (Status: De facto cohabiting)"*** ma Collins Odibo (Ara per ezempju pagna 4 tad-Dokument hawn mehmuz u li qed jigi immarkat bhala Dok. A);

Illi umilment u bir-rispett kollu, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul tixtieq tigbed ukoll ghall-attenzjoni ta' Din l-Onorabbli Qorti li l-Bord ta' l-Appell tar-Refugjati fihdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Interni w is-Sigurta` Nazzjonali, kien ukoll bi biz-zvista indirizza l-applikazzjoni ta' l-Appell ta' l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w id-decizjoni taghha tat-30 ta' Novembru 2015 (Referenza: RAB 5165/13) bhala dik tal-Blessing Obob minflok dik ta' Blessing Paul jew ghall-inqas bhala dik ta' Blessing Odibo;

Illi barra minn hekk, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul u Collins Odibo kienu qalulu lill-Ufficjal inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f' Malta li l-Istat attwali taghhom ta' dak iz-zmien, ossia dak ta' Koabitazzjoni ***De facto*** (Status: ***De facto*** cohabiting), kien beda fit-13 ta' Frar 2009, u li dan kollu kien gara ghax f'dik id-

data l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Collins Odibo kienu zaru l-familji rispettivi taghhom;

Illi l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet rat ghall-ahhar darba lill Collins Odibo fl-2014 u dan gara ghax hu kien ghadu qed jigi mizzmum bhala detenut f'Hal Far;

Illi f'dawk fiz-zminijiet, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet qeghdha tqatta' ftit taz-zmien tirkupra mid-dipressjoni qawwija fl-Isptar Monte Karmeli;

Illi wara li l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet regghet irritornat lura lejn Hal Far, ossia wara li kienet ghamlet xi zmien mizmumha fl-Isptar Monte Karmeli ghat-trattament taghha, l-Ufficjali inkarigati mic-Centru ta' Detenzjoni gewwa Hal Far ma setghux jintraccaw lill Collins Odibo (Ara per ezempju d-Dokument hawn mehmuz u li qed jigi immarkat bhala Dok B);

Illi wara dan l-abbandun totali minn naha ta' Collins Odibo, maz-zmien l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kienet bdiet relazzjoni ohra ma' Nigerjan iehor li jismu Johnbull Ibrahim Ekogiawe;

Illi din ir-relazzjoni taghhom, ossia ir-relazzjoni attwali ta' bejn l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul u Johnbull Ibrahim Ekogiawe hija limitata biss bhal dik ta' qabilha, ossia dik ta' Koabitazzjoni ***De facto*** (Status: ***De facto*** cohabiting) biss u xejn iktar;

Illi bhalissa, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul u Johnbull Ibrahim Ekogiawe qeghdin jikkoabitaw flimkien il-Mellieha (Ara

d-Dokument hawn mehmuz u li qed jigi immarkat bhala DOK C), ossia:

Tormina Flats, Flat 6,
Triq il-Qarnit,
L-Ghadira
Il-Mellieha MLH 4231

Illi minn din ir-relazzjoni stabbli, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul u Johnbull Ibrahim Ekogiawe kellhom lill Favour Ekogiawe;

Illi Favour Ekogiawe twildet l-Imsida, ossia fl-Isptar Mater Dei fit-13 ta' Lulju 2018 (Ara d-Dokument hawn mehmuz u li qed jigi immarkat bhala Dok D);

Illi Favour Ekogiawe inghatat ukoll lis-Status ta' Refugjata – Refcom Nru: 16163A 9;
Illi minhabba t-twelid ta' Favour Ekogiawe, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Johnbull Ibrahim Ekogiawe kienu iddecidew li b'mod formali jizzewgu w li riedu jirregistraw iz-zwieg Civili taghhom mar-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi minn naha l-ohra, l-Ufficcju taz-Zwieg fi hdan ir-Registru Pubbliku kien irrifjuta li johrog l-permessi mehtiega biex iz-zwieg ta' bejn l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul w Johnbull Ibrahim Ekogiawe jssehh ghaliex dejjem skond l-Applikazzjoni bin-Numru: 16163/13, u dik tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni bin-numru 13S-010, l-Ufficjal li kien gie inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta biex jghamel l-intervista kemm ma l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kif ukoll ma Collins Odibo,

biz-zvista, w dejjem kif ga gie suriferit, barra li kien ir-registra lill Esponenta Rikorrenti Blessing Paul bhala Blessing Obob minflok dik ta' Blessing Paul jew ghall-inqas bhala dik ta' Blessing Odibo, kien dahhal ukoll bhala l-istatus attwali ta' l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul bhal dik ta' mizzewga lill Collins Odibo;

Illi minn naha l-ohra, l-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta kienet iddikjara ma' l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul, li huma ma setghux bla awtorizzazzjoni minn Din l-Onorabbli Qorti jirrevedu xi haga ga imnizla fid-dokumintazzjoni taghhom wahidhom specjalment dwar l-pozizzjoni dwar l-istatus ufficcjali w attwali kemm ta' l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kif ukoll dak ta' Collins Odibo;

Ghaldaqstant, l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul (K.I. Nu: 9000948 A) qeghda umilment u bir-rispett kollu titlob lill Din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tordna l-korrezzjoni ta' l-Atti kollha li atwalment jezistu, fis-sens li l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul kif ukoll Collins Odibo qatt ma kienu mizzewga;

2) Tordna lill Awtoritajiet kompitenti biex jibdlu l-isem ta' Blessing Obob ghall dik ta' Blessing Paul;

3) Tordna li jinhargu dawk il-permessi kollha hekk mehtiega biex iz-zwieg civili hekk propost bejn l-Esponenta Rikorrenti Blessing Paul (K.I. Nu: 9000948 A) flimkien ma Johnbull Ibrahim Ekogiawe jsehh permezz ta' cerimonja formali ta' zwieg civili w li dak iz-zwieg civili jigi hekk formalment ir-

registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta taht dawn il-kundizzjonijiet u taht dawn il-provedimenti kollha hekk mehtiega li Din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma gusti w xierqa;'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali et li eccepixxa kif isegwi:

'Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>**

1. Illi l-esponenti Kummissarju ghar-Refugjati u Bord tal-Appelli ghar-Refugjati m'humiex il-legittimu kontraditturi ghat-talbiet odjerni *stante* illi r-rimedju tal-parti li thossha aggravata mhuwiex illi tharrek lill-awtorita' gudikanti izda illi tintavola kawza in kontradittorju tal-kontro-parti;

2. Illi l-esponent Avukat Generali jecepixxi illi m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fir-rigward tat-talba numru erba' (4) l-esponenti kollha jecepixxu illi m'humiex il-legittimi kontraditturi *stante* illi tali azzjoni ma taqax taht il-mansjoni taghhom;

4. Illi l-esponenti jecepixxu l-improponibbilita' tal-azzjoni attrici *stante* illi m'huwiex indikat fuq liema bazi l-attrici qieghda tressaq it-talbiet taghha. Ghaldaqstant l-esponenti

jirrezervaw illi jressqu eccezzjonjiet ulterjuri gialadarba jigi indikat b'mod car fuq liema bazi qieghda titressaq l-azzjoni odjerna;

**Eccezzjonijiet fil-mertu**

5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi *dato ma non concesso* li l-eccezzjoni precedenti ma tigix akkolta, fir-rigward tal-mertu l-esponent jecepixxi fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attrici qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati;

7. Illi fl-applikazzjoni ta' status ta' Refugjat li ggib n-numru REF: 16163; 13S-010 ta' l-attrici Paul Blessing fil-*preliminary questionnaire* datat 14 ta' Awissu 2013, stqarret illi hija mizzewga ma Collins Odibo u li dan iz-zwieg sehh fit-13 ta' Frar 2013. Illi fl-applikazzjoni datata 12 ta' Novembru 2013, l-attrici regghet stqarret illi hija mizzewga ma Collins Odibo u li z-zwieg sehh fit-13 ta' Frar 2009. Illi *di piu'* fl-interview li sar mill-esponent Kummissarju ghar-Refugjati mal-attrici, l-attrici regghet kkonfermat li hija mizzewga ma' Collins Odibo u li z-zwieg sehh fit-13 ta' Frar 2009.

   Illi fl-applikazzjoni ta' status ta' Refugjat li ggib n-numru REF: 16162; 13S-009 ta' terz ossia Collins Odibo, huwa stqarr fl-14 ta' Awissu 2013 fil-*Preliminary questionnaire* illi huwa mizzeweg ma Paul Blessing u li dan iz-zwieg sehh fit-13 ta'

Frar 2009. Illi fil-formula tal-applikazzjoni datata 12 ta' Novembru 2013, Collins Odibo stqarr illi huwa mizzeweg ma Paul Blessing u li dan sehh fl-2009. Illi fl-interview datat 12 ta' Novembru 2013, Collins Odibo rega' stqarr li huwa mizzeweg ma Paul Blessing minn Lulju 2009 u specifika illi ghadhom mizzewgin.

Illi ghalhekk johrog car illi l-esponenti ma kkomettew ebda zvista jew zball meta fl-applikazzjoni ghas-status ta' refugjat tal-attrici nizlu illi l-attrici hija mizzewga ma Collins Odibo *stante* illi johrog car illi dawn id-dikarazzjonijiet saru mill-attrici stess u gew korroborati minn Collins Odibo;

8. Illi kull min japplika quddiem il-Kummissarju ghar-Refugjati huwa responsabbli ghad-dikjarazzjonijet li jaghmel. Illi *di piu'* r-rapprezentanti tal-istess Kummissarju jispjegaw lill-applikanti dak li huwa mnizzel fl-applikazzjoni u l-istess applikanti jiffirmaw l-istess applikazzjoni u hekk gara fil-kas odjern. Dan jfisser naturalment illi minn japplika, jiddikjara u konsegwentament jiffirma tali applikazzjoni huwa **Responsabbli** ghal kontenut tal-istess applikazzjoni u ma jistghax jxellef ir-responsabbilita fuq haddiehor;

9. Illi z-zwieg tal-attrici ma Collins Odibo giet kkonfermata fl-intervista li sar fit-12 ta' Novembru 2013 mal-esponent Kummissarju ghar-Refugjati liema intervista giet traskritta u dan kif ser jigu muri fil-mori tal-kawza odjerna;

10. Illi l-fatt li l-esponent Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati nizzel fid-decizjoni l-isem tal-attrici bhala 'Blessing Obob' minflok 'Blessing Paul' ma jbiddel xejn mis-sustanza tal-istess decizjoni, u xhieda ta' dan hija l-fatt illi l-attrici tgawdi mis-status ta' refugjat sal-gurnata ta' llum. Illi ghalhekk it-talba numru tnejn (2) hija superfluwa u m'ghandiex tigi milqugha;

11. Illi l-atti u dokumenti ta' awtoritajijiet amministrattivi (Kummissarju ghar-Refugjati) kif wkoll dawk kwazi gudizzjarji (Bord tal-Appelli dwar ir-refugjati) huma atti li fuqhom ttiehdu decizjoni amministrattiva u konsegwentament appell u huma atti li ma jistghux jigu emendati kapriccozament ghaliex l-attrici sitt (6) snin wara thoss li ghandha tbiddel il-verzjoni taghha. Illi ghaldaqstant it-talba numru wiehed (1) hija infondata u m'ghandhiex tigi milqugha;

12. Illi certament il-proceduri odjerni m'humiex ir-rimedju addatat sabiex l-attrici tikseb dritt li tizzeweg terza persuna billi taderixxi lill dina l-Onorabbli Qorti 'tannulla' jew tiddikjara li qatt ma kien hemm zwieg bejn l-attrici u Collins Odibo;

13. Illi fi kwalunkwe kas it-talba numru erba' (4) m'hijiex proponibbli fil-konfront tal-esponenti u dan *stante* illi l-esponenti ma johorgux permessi fir-rigward ta' zwieg u wisq anqas huma involuti fir-registrazzjoni ta' zwieg;

14. Illi għalhekk il-pretensjonijet tal-attrici huma zbaljati u infondati u ghandhom jigu michuda ***in toto***;

15. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (Malta u Ghawdex) li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi qatt ma gie notifikat formalment bir-rikors promotur tal-5 ta' Settembru 2019 u d-dokumenti annessi msemmijin fin-nota in risposta tad-19 ta' Novembru 2019 u lanqas bid-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-1 ta' Ottubru 2019 imsemmi fl-istess nota in risposta tad-19 ta' Novembru 2019. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri minn dawk segwenti fl-eventwalita' li jigu notifikati bl-atti surreferiti;

2. Illi bla hsara ghal premess u preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza necessarja *ratione materie* sabiex tiddecciedi dwar it-tielet talba u dan fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ghadha ma applikatx b'mod formali ghat-tnidijiet

taz-zwieg. Madanakollu, meta koppja japplikaw ghat-tnidijiet taz-zwieg mar-Registratur taz-Zwieg, dan tal-ahhar ghandu l-obbligu li jevalwa d-dokumenti relevanti u dan qabel ma' jghaddi ghall-publikazzjoni tat-tnidijiet taz-zwieg skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi mid-dokumenti li Direttur ghandu a disposizzjoni tieghu cjoe' l-*Interview Papers* tar-rikorrenti, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi r-rikorrenti iddikjarat illi hija zzewget lil Collins Odibo, ragel ta' nazzjonalita' Nigerjana, nhar it-13 ta' Frar 2009 gewwa Ugara n-Nigerja. Ir-rikorrenti ikkonfermat ukoll illi minn tali zwieg u cjoe' nhar l-1 ta' Lulju 2010 twieldet tifla bl-isem ta' Tracey Odibo, li sfortunatament ghaddiet ghal-hajja ahjar f'Awwissu tal-2010 fl-eta' tenera ta' sentejn;

5. Illi maghdud mal-premess, l-esponent ha ukoll konjizzjoni tal-proceduri li saru quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili, fejn ir-rikorrenti fis-sena 2018 pprosegwiet b'azzjoni ai termini tal-Artikolu 280(2)(a) tal-Kodici Civili, liema atti jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2'. L-esponent jissottolineja illi Artikolu 280 tal-Kodici Civili jista' jigi utilizzat minn dik il-persuna mizzewga li tkun weldet tarbija. Fil-fatt ir-rikorrenti kellha tarbija ohra fl-2013 u dan minn relazzjoni li hija bdiet ma' Johnbull Ibrahim Ekogiawe. Wara li l-Qorti semghat ix-xhieda, hija kienet sodisfatta li Johnbull Ibrahim Ekogiawe huwa l-missier tat-tarbija u li r-rikorrenti ma kellhiex kuntatt mar-ragel taghha Collins Odibo fit-tlett mitt jumm qabel it-twelid tat-tarbija. Ghaldaqstant, id-Direttur konvenut

gie awtorizzat sabiex inizzel il-konnotati ta' Johnbull Ibrahim Ekogiawe minflok ta' Collins Odibo;

6. Illi nonostante l-premess, permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti issa qieghda tallega illi meta saret l-intervista hawn fuq imsemmija hija ma kienetx mentalment stabbli u dan minhabba t-trawma li hija ghaddiet minnha f'dak il-perjodu. Madanakollu, hija tonqos milli taghmel referenza ghal dak li hija xehdet taht gurament quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili. Ghaldaqstant, l-esponent isibha ferm difficli sabiex jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti fir-rikors promotur;

7. Illi minkejja s-suespost u ghal grazzja tal-argument li r-rikorrenti verament ma kienetx mizzewga lil Collins Odibo, l-ewwel talba tar-rikorrenti hekk kif dedotta fir-rikors promotur xorta wahda ma timmeritax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghaliex ir-rikorrenti ma ghandha l-ebda Atti tal-Istat Civili rregistrati gewwa Malta. Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li ssir korrezzjoni f'Atti tal-Istat Civili biss, u cjoe' f'Atti tat-Twelid, taz-Zwieg, tal-Unjoni Civili u tal-Mewt. *Interview Papers* mahruga mill-Ufficcju tal-Kummissarju ghar-Refugjati ma jistghux ikunu meqjusa bhala Atti tal-Istat Civili u b'hekk ma jistghux jigi korretti skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili;

8. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi t-tieni talba tar-rikorrenti laqnas ma tista' tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti u dan gialadarba li l-mertu tal-istess talba huwa ezawrit. Ghalkemm ir-rikorrenti ma tispecifikax fejn din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jinbidel l-isem tar-

rikorrenti minn *'Blessing Obob'* ghal *'Blessing Paul'*, l-esponent jirrileva illi l-uniku Att tal-Istat Civili li ghandu fil-pussess tieghu fejn huwa mnizzel isem ir-rikorrenti u li jista' jinbidel huwa l-Att tat-Twelid ta' Favour Ekogiawe, li jgib in-numru progressiv 6323 tas-sena 2013, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3'. Madanakollu, l-eesponent jirrileva illi hekk kif inhu rifless mill-istess Att tat-Twelid, isem ir-rikorrenti diga' jidher bhala 'Blessing Paul';

9. Illi in vista tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-ewwel zewg talbiet filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li ma ghandhiex kompetenza;

10. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe kaz huwa mexa b'mod ekwu mal-ligi nostrana u b'hekk m'ghandux ikun soggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.'

Rat l-affidavit, xiehda, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet datat 1 ta' Ottubru, 2019 fejn il-Qorti dderigiet lir-rikorrenti biex tirregola ruhha u tindika permezz ta' nota c-certifikati li qed titlob korrezzjoni fihom ghall-fini tat-talbiet, u, tipprezenta l-istess certifikati fl-original taghhom fi zmien massimu ta' xahar min-notifika tad-digriet, sabiex il-kawza tkun tista' tigi appuntata ghas-smigh;

Rat illi r-rikorrenti rrispondiet ghad-digriet tal-1 ta' Ottubru, 2019 permezz ta' nota ntavolata nhar id-19 ta' Novembru, 2019 a fol. 18 *et seq* tal-process u permezz ta' digriet tas-26 ta' Novembru, 2019 a fol. 21 tal-process il-Qorti ordnat n-notifika taghha lill-kontro-parti bi zmien ghoxrin (20) jum ghar-risposta;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2020 a fol. 22 tal-process Dr Miguel Degabriele ddikjara li l-intimati gew notifikati bl-atti kollha u ghalhekk irtira l-ewwel eccezzjoni mqajjma mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2020 Dr Carmelo Gatt iddikjara li r-rikorrenti qed titlob li l-korrezzjoni ssir fid-dokument indikat bhala application form, kopja tieghu esebit a fol. 27 *et seq* tal-process fis-sens illi fejn hemm indikat 'marital status' flok dan juri married, dan jindika single;

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata nhar l-10 ta' Marzu, 2020 a fol. 24 *et seq* tal-process;

Rat illi fis-seduta datata 17 ta' Novembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attrici Blessing Paul qed titlob li l-Qorti tordna l-korrezzjoni ta' l-Atti kollha li attwalment jezistu u

dan fis-sens li fejn hemm indikat li hija u Collins Odibo kienu mizzewgin jigu li qatt ma kienu mizzewga, kif ukoll tordna lil Awtoritajiet sabiex jibdlu l-isem ta' Blessing Obob ghal dak ta' Blessing Paul. Finalment talbet ukoll li tordna li jinhargu l-permessi mehtiega sabiex iz-zwieg civili propost bejn Blessing Paul u Johnbull Ibrahim Ekogiawe jsehh permezz ta' cerimonja formali ta' zwieg civili u li jigi formalment registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Illi da parte tal-konvenuti, eskluz id-Direttur tar-Registru Pubbliku, permezz tar-risposta guramentata ntavolata nhar it-18 ta' Dicembru, 2019 ressqu kemm eccezzjonijiet preliminari, kif ukoll fil-mertu. Preliminarjament eccepew li l-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli ghar-Refugjati m'humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet odjerni stante li r-rimedju kien li tigi ntavolata kawza in kontradditorju tal-kontro-parti. Preliminarjament ukoll l-Avukat Generali eccepixxa li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Preliminarjament ukoll eccepixxa l-improponibilita' tal-azzjoni attrici stante li m'huwiex indikat fuq liema bazi l-attrici qieghda tressaq it-talbiet taghha.

Fil-mertu mbaghad eccepixxa li l-allegazzjonijiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok eccepixxa li ai termini tal-Artikolu 158 (3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-fatti kif dikjarati qeghdin jigu kkontestati u jehtieg li jigu pruvati. L-intimati jishqu li fl-applikazzjoni ta' status ta' Refugjat li ggib in-numru REF:16163; 13S-010 ta' l-attrici fil-preliminary questionnaire datat 14 ta' Awwissu, 2013 stqarret li hija mizzewga ma' Collins Odibo liema zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2013. Fl-

applikazzjoni datata 12 ta' Novembru, 2013 l-attrici regghet stqarret li hija mizzewga ma Collins Odibo u li z-zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2009 u fl-interview li saret mal-Kummissarju ghar-Refugjati mal-attrici regghet ikkonfermat li hija mizzewga ma' Collins Odibo u li z-zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2009. Min-naha l-ohra fl-applikazzjoni ta' status ta' Collins Odibo li ggib in-numru REF: 16162; 13S-009 fil-preliminary questionnaire huwa stqarr li huwa mizzewweg ma' Paul Blessing u li z-zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2009. Fil-formula tal-applikazzjoni datata 12 ta' Novembru, 2013 Collins Odibo stqarr li huwa mizzewweg ma' Paul Blessing u li dan sehh fl-2009 u fl-interview datat 12 ta' Novembru, 2013 reggha stqar li huwa mizzewweg ma' Paul Blessing minn Lulju 2009 u specifika li ghadhom mizzewgin. L-intimati jishqu li minn dan johrog li ma gie kommess l-ebda zvista jew zball fl-applikazzjoni ghas-status ta' refugjat tal-attrici fejn giet indikata bhala mizzewga stante li johrog car mid-dikjarazzjonijiet moghtija minnha stess u kkollaborati minn Collins Odibo. Kull min japplika quddiem il-Kummissarju ghar-Refugjati jigi spjegat dak li huwa mnizzel fl-applikazzjoni u l-applikant jiffirma u hekk gara fil-kaz odjern u ghalhekk huwa responsabbli ghal kontenut tal-istess applikazzjoni u ma' jistax jxellef ir-responsabilita' fuq haddiehor. Illi l-fatt li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati nizzel fid-decizjoni l-isem tal-attrici bhala 'Blessing Obob flok 'Blessing Paul' ma jbiddel xejn mis-sustanza tad-decizjoni u ghalhekk it-tieni talba hija superfluwa u m'ghandiex tigi milqugha. L-intimati sahqu li l-atti u d-dokumenti ta' awtoritajiet amministrattivi (Kummissarju ghar-Refugjati), kif ukoll kwazi gudizzjarji (Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati) huma atti li fuqhom ttiehdu decizjoni amministrattiva u appell u ma jistghux jigu emendati kapriccozament ghaliex l-attrici sitt (6) snin wara thoss li ghandha tbiddel il-verzjoni taghha

ghalhekk it-talba numru 1 ghandha tigi michuda. Certament il-proceduri odjerni m'humiex rimedju addattat sabiex l-attrici tikseb dritt li tizzewweg lil terza persuna billi tadixxi lill-Qorti tannulla jew tiddikjara li qatt ma kien hemm zwieg. Fi kwalunque kaz, ir-raba' (4) talba m'hijiex proponibbli stante li l-intimati ma johorgux permessi fir-rigward ta' zwieg u lanqas ma huma nvoluti fir-registrazzjoni ta' zwieg. Ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attrici huma zbaljati u nfondati u ghandhom jigu michuda in toto u fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi da parti tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku preliminarjament eccepixxa li din il-Qorti m'ghandiex il-kompetenza necessarja *ratione materie* sabiex tiddeciedi dwar it-tielet (3) talba u dan fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mertu eccepixxa li r-rikorrenti ghadha ma applikatx b'mod formali ghat-tnedijiet taz-zwieg, madanakollu meta koppja tapplika, r-Registratur taz-Zwieg ghandu l-obbligu li jevalwa d-dokumenti relevanti u dan qabel ma jghaddi ghall-publikazzjoni taghhom. L-intimat Direttur jishaq li mid-dokumenti li huwa ghandu u cioe' l-interview papers, jirrizulta li r-rikorrenti ddikjarat li hija zzewget lil Collins Odibo nhar it-13 ta' Frar, 2009 gewwa Ugara, Nigerja u li kellhom tifla Tracey Odibo li mietet fl-2010. L-intimat Direttur sahaq li huwa ha wkoll konjizzjoni tal-proceduri li saru quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili ai termini tal-Artikolu 280 (2) (a) tal-Kodici Civili liema Artikolu 280 jista' jigi utilizzat minn dik il-persuna mizzewga li tkun welldet tarbija. Wara li l-Qorti semghet ix-xiehda u kienet sodisfatta li Blessing Paul fit-tlett mitt jum qabel it-twelid tat-tarbija ma kinitx f'kuntatt ma' Collins Odibo l-Qorti

ghaddiet sabiex laqghet it-talbiet u d-Direttur konvenut gie awtorizzat sabiex inizzel l-konnotati ta' Johnbull Ibrahim Ekogiawe flok dawk ta' Collins Odibo. Illi jekk ghal grazzja tal-argument l-attrici Blessing Paul verament ma kinitx mizzewga, l-ewwel talba xorta ma timmeritax li tigi milqugha u dana stante li l-attrici m'ghandha l-ebda Atti tal-Istat Civili registrati gewwa Malta. Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li jsiru korrezzjonijiet fl-Atti tal-Istat Civili biss u interview papers mahruga mill-Ufficju tal-Kummissarju ghar-Refugjati ma jistghux ikunu meqjusa bhala Atti tal-Istat Civili u b'hekk ma jistghux jigu korretti. It-tieni talba wkoll ma tistax tintlaqa' gjaladarba l-mertu tal-istess talba huwa ezawrit. L-uniku Att tal-Istat Civili li ghandu fil-pussess huwa l-Att tat-Twelid ta' Favour Ekogiawe bin-numru progressiv 6323 tas-sena 2013 madanakollu l-isem tar-rikorrenti huwa ndikat bhala dak ta' Blessing Paul. Id-Direttur intimat eccepixxa li in vista ta' dak suespost l-Qorti ghandha tichad l-ewwel zewg talbiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li m'ghandiex kompetenza. Finalment huwa sahaq li mexa b'mod ekwu mal-ligi nostrana u b'hekk m'ghandux ikun soggett ghall-ispejjez tal-kawza.

**<u>Fatti:</u>**

Illi jirrizulta mill-atti li  r-rikorrenti Blessing Paul twieldet fir-rahal ta' Ugara fiz-Zona tal-Gvern Lokali ta' Oredo fl-Istat tad-Delta tan-Nigerja u ghalhekk hija cittadina Nigerjana, li nghatat l-istat ta' refugjat gewwa Malta nhar it-30 ta' Novembru, 2015. Ir-raguni li nghatat l-istat ta' refugjat kienet li missierha certu Usaro Pawl kien membru attiv fil-partit politiku 'People Democratic Party'

fejn allegatament kien gie akkuzat li seraq xi flus appartenenti lill-partit. Fl-2011 il-genituri tar-rikorrenti mietu f'incident stradali, suspettat qtil. Sussegwentement ir-rikorrenti tghid li bdiet tircievi theddid liema theddid kien relatat mal-allegat serq ta' flus minn missierha u f'Awwissu, 2012 id-dar tar-ragel taghha kienet giet distrutta permezz ta' bomba u t-tifla taghha Tracey li kienet fl-eta' tenera ta' sentejn spiccat ukoll mejta bl-istess bomba.

Ir-rikorrenti harbet min-Nigerja flimkien ma' Collins Odibo u waslet hawn Malta fis-7 ta' Awwissu, 2013 u sussegwentment applikat ghall-istatus ta' refugjat fejn bhal ma gja inghad inghata lilha fit-30 ta' Novembru, 2015.

L-attrici Blessing Paul fl-applikazzjoni datata 14 ta' Awwissu, 2013 bin-numru 16163 9 bin-numru tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni 13S-010 fil-*prelimiary questionaire* kienet iddikjarat li hija mizzewga ma' Collins Odibo u li dan iz-zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2013. Sussegwentement fl-applikazzjoni datata 12 ta' Novembru, 2013 l-attrici Blessing Paul regghet iddikjarat li hija kienet mizzewga lil Collins Odibo liema zwieg kien sehh fit-13 ta' Frar, 2009, u fl-intervista li kellha mal-Kummissarju ghar-Refugjati, l-attrici ghat-tielet darba regghet ikkonfermat li hija mizzewga ma' Collins Odibo u li dan z-zwieg kien sehh fit-13 ta' Frar, 2012.

Dak iddikjarat mir-rikorrenti Blessing Paul fl-applikazzjonijiet taghha gie kkollaborat minn Collins Odibo. Fl-applikazzjonijiet tieghu b'referenza ghal *preliminary questionaire* bin-numru 16162 bin-numru tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni 13S-009 datat 14 ta' Awwissu, 2013 Collins Odibo kien iddikjara li huwa mizzewweg ma' Blessing Paul liema zwieg sehh fit-13 ta' Frar, 2013. L-istess

iddikjara fil-formula tal-applikazzjoni datata 12 ta' Novembru, 2013 fejn Collins Odibo ddikjara li zzewweg lir-rikorrenti fl-2009. Fl-intervista li saret fit-12 ta' Novembru, 2013 ghal darba ohra kkonferma li huwa kien izzewweg lill-attrici Blessing Paul f'Lulju, 2019 u specifika li kien ghadhom mizzewgin.

Ir-rikorrenti tallega li fiz-zmien li hija u Collins Odibo taw id-dikjarazzjonijiet imsemmija, apparti d-diffikulta' taghhom ta' l-uzu tal-lingwa Ingliza, huma kienu ghaddejjin minn trawma psikologika minhabba l-qtil ta' binthom Tracey, kif ukoll minhabba dak li ghaddew minnu matul il-vjagg sfurzat u sabiex issahhah l-argument taghha tipprezenta discharge nota tal-Isptar Monte Carmeli a fol. 12 tal-process. Ir-rikorrenti tallega li l-ufficjali inkarigat mill-Kummissjoni tar-Refugjati f'Malta fehem hazin meta wiegbu dwar l-istat ta' bejn l-attrici Blessing Paul u Collins Odibo. Ir-rikorrenti Blessing Paul tispjega li l-istat ta' bejna u bejn Collins Odibo kien dak ta' koabitazzjoni de facto (*De facto cohabiting together*) u mhux mizzewgin kif indikat fl-applikazzjonijiet.

Konsegwenza ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, ir-rikorrenti Blessing Paul giet indikata bhala 'mizzewga' ma Collins Odibo u dan gie rifless f'dokumenti ohra fosthom fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tar-Refugjati datata 30 ta' Novembru, 2015 (ara decizjoni a fol. 9 *et seq* tal-process). Di piu' fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tar-Refugjati l-isem tar-rikorrenti gie ndikat hazin flok dak ta' Blessing Paul ghal dak ta' Blessing Obob.

Ir-rikorrenti Blessing Paul tispjega li l-ahhar li rat lil Collins Odibo kien fis-sena 2014 fejn kien ghadu qed jigi mizmum f'Hal Far u

fejn dak iz-zmien hija kienet rikoverata fl-Isptar Monte Karmeli. Minn dakinhar l-hawn kien hemm abbandun totali da parte ta' Collins Odibo.

Ir-rikorrenti bdiet relazzjoni ohra ma' Johnbull Ibrahim Ekogiawe minn liema relazzjoni fit-13 ta' Lulju, 2018 twieldet tifla li nghatat l-isem ta' Favour Ekogiawe (ara att ta' twelid a fol. 33 tal-process). Ir-rikorrenti u Johnbull Ibrahim Ekogiawe bdew jikkoabitaw flimkien u jirrisjedu fil-Mellieha u wara t-twelid tat-tifla ddecidew li jizzewgu b'mod formali u li tali zwieg jigi registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta. Madanakollu meta r-rikorrenti marru l-ufficju taz-Zwieg sabiex jibdew il-proceduri appoziti, l-ufficjali rrifjutaw li jinhargu l-permessi mehtiega stante li skont l-informazzjoni li kellhom, fosthom l-applikazzjoni numru 16163/13 u l-applikazzjoni tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni bin-numru 13S-010 kien hemm imnizzel li r-rikorrenti Blessing Paul hija mizzewga ma' Collins Odibo u l-proceduri taz-zwieg ma setghux jinbdew. Kien ghalhekk li l-attrici Blessing Paul istitwiet il-kawza odjerna fejn fost affarijiet ohra qeghda titlob il-korrezzjoni ta' l-Atti kollha li attwalment jezistu fejn hija ndikata bhala mizzewga ma' Collins Odibo u tordna li l-isem jinbidel minn dak ta' Blessing Obob ghal dak ta' Blessing Paul u tordna li jinhargu l-permessi kollha mehtiega sabiex iz-zwieg civili jsehh permezz ta' cerimonja formali u jigi formalment irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:**

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et:**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari l-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli ghar-Refugjati eccepew li m'humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet odjerni stante li r-rimedju tal-parti kien li tintavola kawza in kontradditorju tal-kontro-parti.

Bil-kawza odjerna l-attrici Blessing Paul qed titlob il-korrezzjoni tal-atti kollha li jezistu fejn jindikaw li hija mizzewga ma' Collins Odibo, u, il-korrezzjoni ta' isimha fid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli ghar-Refugjati datata 30 ta' Novembru, 2015 sabiex minn dak ta' Blessing Obob jigi Blessing Paul (ara decizjoni a fol. 9 *et seq* tal-process).

Sussegwentement fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2020 (ara verbal a fol. 22 tal-process) Dr Carmelo Gatt ghar-rikorrenti kien indika li qed jitlob li l-korrezzjoni ssir fid-dokument indikat bhala application form, kopja tieghu a fol. 27 *et seq* tal-process fis-sens illi fejn hemm indikat 'marital status' flok dak juri married, dan juri single.

Ghalhekk it-talba sabiex isiru l-korrezzjonijiet rikjesti hija fis-segwenti dokumenti:

1. Fid-dokument indikat bhala application form intitolat '*Application for Recognition of Refugee Status in malta in terms of Article 8 of the Refugees Act, 2000*' li tinsab a fol. 27 *et seq* tal-process; u,

2. Fid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli ghar-refugjati datata 30 ta' Novembru, 2015 a fol. 9 *et seq* tal-process.

Illi kemm il-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli ghar-Refugjati jeccepixxu li m'humiex il-legittimi kontradditturi ghaliex ir-rimedju tal-attrici kien li tintavola kawza in kontraddittorju tal-kontro-parti. Madanakollu kif jirrizulta, l-korrezzjoni mitluba mill-attrici hija f'dokumenti u atti li jiffurmaw parti mill-kompetenza taghhom ghalhekk jekk ghal grazzja tal-argument, din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet relatati mal-korrezzjoni tal-attrici, effettivament huma l-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli ghar-Refugjati li jridu jaghmlu l-korrezzjonijiet necessarji. Ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mal-eccezzjoni taghhom li m'humiex il-legittimi kontradditturi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et:</u>**

Fit-tieni eccezzjoni, l-Avukat Generali jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradditur ghat-talbiet odjerni ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jibda billi jinghad li bl-emendi li dahlu fis-sehh bl-Att XXV tas-sena 2019, l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) gie varjat fejn il-poteri tar-rapprezentanza gew moghtija lill-Avukat tal-Istat u mhux aktar lill-Avukat Generali li nghata rwol divers. Dan premess, l-parti l-aktar ta' rilevanza ghal kaz odjern mill-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) hija s-segwenti:

> '(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma

jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.'

Bhal ma gja nghad, il-kawza titratta talba ghall-korrezzjoni ta' dokumenti li jaqghu taht il-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli, kif ukoll talba sabiex jinhargu l-permessi relattivi biex iz-zwieg civili tar-rikorrenti ma' Johnbull Ibrahim Ekogiawe jsehh permezz ta' cerimonja formali u jigi formalment registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 181B kwotat aktar il' fuq, jistipula li l-Avukat tal-Istat jirrapprezenta lill-Gvern f'dawn l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura taghhom ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern. Fil-kaz odjern, ma kienx hemm din id-diffikulta' peress li l-kawza setghet u giet istitwita kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Ministeru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali, l-Kummissarju ghar-Refugjati fi hdan il-Ministeru ghall-Intern u Sigurta' Nazzjonali u l-Bord ta' l-Appell ghar-Refugjati. Minn dan

jinsorgi li ghandu ragun l-Avukat Generali fit-tieni eccezzjoni tieghu stante li ma kienx hemm id-diffikulta' li l-kawza tigi diretta kontra l-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi sabiex tilqa' din it-tieni eccezzjoni preliminari avanzata mill-Avukat Generali et fir-risposta guramentata ntavolata nhar it-18 ta' Dicembru, 2019 stante li l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur.

**<u>It-tielet eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et:</u>**

L-intimati eskluz id-Direttur tar-Registru Pubbliku, fit-tielet eccezzjoni preliminari eccepew li fir-rigward it-talba bin-numru erba' (4) m'humiex il-legittimi kontradditturi stante li tali azzjoni ma taqax taht il-mansjoni taghhom.

Jibda billi jigi nnutat li l-attrici bil-kawza odjerna ressqet tlett (3) talbiet biss u mhux erba' (4) talbiet kif gie ndikat fit-tielet eccezzjoni preliminari. Minn kif inhi ppostulata l-eccezzjoni, l-Qorti tifhem li l-intimati f'din it-tielet eccezzjoni preliminari kienu qed jaghmlu referenza ghat-tielet (3) talba u cioe' dik fejn qed jintalab li jigi ordnat li jinhargu l-permessi mehtiega biex iz-zwieg civili propost bejn l-attrici Blessing Paul u Johnbull Ibrahim Ekogiawe jsehh permezz ta' cerimonja formali ta' zwieg civili u konsegwentement jigi formalment registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta taht il-kundizzjonijiet u provvedimenti li jkunu mehtiega.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza u setghet tinnota li l-attrici fl-ebda punt ma ndikat liema huma l-permessi necessarji

sabiex iz-zwieg civili propost bejnha u bejn Johnbull Ibrahim Ekogiawe jkun jista' jsehh.

Illi l-Artikolu 7 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipula li qabel ma jsir zwieg iridu jkunu gew pubblikati t-tnidijiet taz-zwieg. Din il-Qorti tista' biss tippressupponi li meta l-attrici fit-tielet talba taghha kienet qeghda taghmel referenza ghall-permessi, dan kienet qieghed taghmlu b'referenza ghat-tnidijiet li huma rikjesti li jsiru mill-ligi qabel kull zwieg. L-awtorita' kompetenti sabiex jigi ppublikati t-tnidijiet hija r-Registru Pubbliku ghalhekk l-intimati kollha eskluz id-Direttur tar-Registru Pubbliku huma korretti meta fit-tielet eccezzjoni preliminari taghhom eccepew li fir-rigward ir-raba' (4) talba (rec), t-tielet (3) talba, m'humiex il-legittimi kontradditturi stante li ma taqax taht il-mansjoni taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' din it-tielet eccezzjoni preliminari.

**Ir-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et, is-seba' eccezzjoni u t-tmien eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:**

Permezz tar-raba' eccezzjoni taghhom l-Avukat Generali et eccepew l-improponibbilita' tal-azzjoni attrici stante illi m'huwiex indikat fuq liema bazi l-attrici qieghda tressaq it-talbiet taghha.

Mill-banda l-ohra, d-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-seba' eccezzjoni tieghu eccepixxa li l-ewwel talba tar-rikorrenti xorta wahda ma timmeritax li tintlaqa' stante li r-rikorrenti m'ghandha l-ebda Atti tal-Istat Civili registrati gewwa Malta. L-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti korrezzjoni fl-Atti

tal-Istat Civili biss u d-dokumenti ndikati mir-rikorrenti li fihom jrid issir il-korrezzjoni ma jistghux ikunu meqjusa bhala Atti tal-Istat Civili. Filwaqt li fis-seba' eccezzjoni, eccepixxa li l-mertu tat-tieni talba hu ezawrit, dan peress li ghalkemm ir-rikorrenti ma tispecifikax fejn ghandu jsir il-bdil ta' l-isem minn Blessing Obob ghal Blessing Paul, jirrizulta li l-uniku Att tal-Istat Civili li d-Direttur intimat ghandu fil-pussess tieghu huwa l-Att tat-Twelid ta' Favour Ekogiawe bin-numru 6323 tas-sena 2013 minn fejn jirrizulta li fl-Att tat-Twelid l-isem tar-rikorrenti huwa ndikat bil-mod korrett.

Il-Qorti tqis li ghandha titratta dawn it-tlett eccezzjonjiet flimkien ghaliex fl-ezami tar-raba' eccezzjoni preliminari ser jigu trattati wkoll is-sitt u s-seba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, ghalhekk ikun opportun sabiex jigu evitati ripetizzjonijiet li dawn l-eccezzjonijiet jigu trattati flimkien.

Illi l-attrici Blessing Paul qieghda titlob li jsiru korrezzjonijiet fl-atti kollha li attwalment jezistu u li jindikaw lilha bhala mizzewga ma Collins Odibo sabiex jigu varjati ghal xebba, u sabiex fid-decizjoni tat-30 ta' Novembru, 2015 l-isem jinbidel minn dak ta' Blessing Obob ghal dak ta' Blessing Paul. It-tielet talba hija konsegwenti ghall-ewwel u t-tieni talbiet.

Permezz ta' digriet tal-1 ta' Ottubru, 2019 a fol. 14 tal-process il-Qorti kif preseduta dderigiet lir-rikorrenti biex tirregola ruhha u tindika permezz ta' nota c-certifikati li qed titlob korrezzjoni fihom ghall-fini tat-talbiet, u tipprezenta l-istess certifikati fl-original taghhom fi zmien massimu ta' xahar min-notifika tad-digriet. Mill-atti ma jirrizultax li l-attrici pprezentat xi certifikati li

taghhom qed tintalab il-korrezzjoni, madanakollu fid-19 ta' Novembru, 2019 a fol. 18 *et seq* tal-process l-attrici pprezentat nota b'risposta ghad-digriet tal-1 ta' Ottubru, 2019 li f'ghajnejn din il-Qorti hija riproduzzjoni tar-rikors guramentat b'zidiet minimi. Man-nota ma gew esebiti l-ebda certifikati u lanqas saret referenza ghal liema huma l-atti li taghhom kien qed jintalab il-korrezzjoni. Naturalment, la darba ma gewx indikati l-Atti tal-Istat Civili li fuqhom kien qed jintalab li jsir korrezzjoni, ma saritx il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern. Kien sussegwentement fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2020 li Dr Carmelo Gatt ghar-rikorrenti ndika li l-korrezzjoni mitluba hija dik tad-dokument ndikat bhala application form esebit a fol. 27 *et seq* tal-process.

Illi l-Qorti qed issibha ferm difficli sabiex tidentifika l-bazi li fuqha hija msejha l-kawza. Mir-rikors guramentat u mill-atti, l-Qorti tifhem li l-bazi legali ta' din l-azzjoni hija kawza taht l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Madanakollu jekk tinghata harsa lejn l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili dan l-Artikolu huwa applikabbli biss fic-cirkostanzi fejn tintalab korrezzjoni ta' Atti tal-Istat Civili mizmuma mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Il-Qorti ser tikkwota fl-intier tieghu l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili ghal ahjar intendiment. Hekk jaqra:

> '253. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:

Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.'

(2A) Meta, fiċ-ċirkostanzi msemmija fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti iżda verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess isemjew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem jew ismijiet tradotti jkun jirriżulta jew minn att tal-istat ċivili ieħor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun maħruġ lilu qabel il-31 ta' Diċembru 2011, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-persuna kkonċernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-korrettezza u bil-veraċità ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni

maħlufa, jipproċedi billi jdaħħal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat ċivili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-qorti kompetenti b'rikors ġuramentat kontra d-Direttur.

(5) F'kull talba bħal din, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 158(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' wkoll tiġi konfermata bil-ġurament minn kull uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306(1) jew (4).'

Fil-kaz odjern il-korrezzjoni mitluba hija fir-rigward ta' (i) korrezzjoni fl-application form li giet kompilata fir-rigward tar-rikorrenti, (ii) korrezzjoni fil-*preliminary questionaire* li sar lir-rikorrenti mill-Ufficjali tal-Kummissarju ghar-Refugjati, kif ukoll (iii) korrezzjoni fid-decizjoni datata 30 ta' Novembru, 2015 a fol. 9 *et seq* tal-process mahruga mill-Bord tal-Appell ghar-Refugjati. Jinghad li l-informazzjoni li giet imnizzla f'dawn id-dokumenti kienet mghoddija lill-awtoritajiet mill-attrici nfisha meta kienet ghaddejja bil-proceduri sabiex takkwista l-istatus ta' refugjat. L-informazzjoni giet ikkollaborata minn Collins Odibo li kkonferma

kemm-il darba li huwa mizzewweg ma' l-attrici Blessing Paul u ghalkemm il-partijiet meta ndikaw d-data taz-zwieg kienet tvarja fis-sena, bhala gurnata u xahar fil-maggorparti jaqblu ezattament.

Dan premess, id-dokumenti appena ndikati ma jistghux jigu kkunsidrati bhala Atti tal-Istat Civili  u ghalhekk l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) m'huwiex applikabbli ghal kaz odjern. Mill-banda l-ohra, la darba l-uzu tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili gie skartat, il-Qorti ma tistax tasal ghal bazi legali ohra li fuqha l-azzjoni hija msejsa filwaqt li r-rikorrenti naqset milli tindika hi stess din il-bazi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et u s-sitt u s-seba' eccezzjoni fil-mertu tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi finalment il-Qorti tqis li mill-atti r-rikorrenti ma rnexxiliex tikkonvinciha sal-grad tal-prova rikjest mil-ligi li l-indikazzjoni li hija kienet mizzewga fid-dokumentazzjoni msemmija kien purament zball ghaliex huwa inverosimili hafna li l-istess zball jirrepeti ruhu mhux darba izda mill-anqas erba' darbiet u mhux mill-istess persuna.  Il-fatt li r-rikorrenti giet abbandunata u issa trid tizzewweg persuna ohra ma jaghtihiex il-jedd li tbiddel id-dikjarazzjonijiet taghha minghajr ma tressaq prova dwar il-verita' ta' dak espost minnha. Ir-rikorrenti jekk verament mhijiex mizzewga ghandha tapplika mad-Direttur sabiex jinhargu t-tnidijiet u tipprovdi d-dokumentazzjoni neccessarja sabiex tevidenzja l-fatt li mhiex mizzewwga u tiprocedi minn hemm. Ghall-kuntrarju jekk ir-rikorrenti kienet mizzewwga u issa sfat

abbandunata se mai ghandha l-jedd li taghmel il-proceduri idonei fil-Qorti tal-Familja sabiex tottjeni s-separazzjoni personali u/jew divorzju.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et stante li l-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appell ghar-Refugjati huma l-legittimi kontradditturi;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et stante li m'huwiex il-legittimu kontradittur;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et stante li l-intimati kollha ghajr ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku m'humiex il-legittimi kontradditturi fir-rigward tar-raba' talba (rec);

4. Tilqa' r-raba' eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali et u tilqa' s-sitt u s-seba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tiddikjara l-improponibilita' tal-azzjoni stante li ma giex indikat fuq liema bazi l-attrici ressqet it-talbiet;

5. Tichad it-talbiet kollha tal-attrici.

In vista tac-cirkustanzi tar-rikorrenti l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Frar, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Frar, 2021**